

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11098/26

ELARG 142

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 334 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL Pakkett finanzjarju għan-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 334 final.

Mehmuż: COM(2026) 334 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2026
COM(2026) 334 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Pakkett finanzjarju għan-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro

1 INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-2025 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE¹ indikat li, dment li l-Montenegro jżomm il-pass tal-progress fit-tħejjijiet għas-sħubija fl-UE, il-Kummissjoni se tippreżenta, skont il-prattika stabbilita, abbozz ta' pakkett finanzjarju. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-UE u l-Montenegro għalqu b'mod proviżorju disa' kapitoli addizzjonali, u b'hekk l-għadd totali ta' kapitoli magħluqa b'mod proviżorju tela' għal 16, filwaqt li għadha għaddejja l-ħidma biex jingħalqu l-kapitoli li fadal.

B'kunsiderazzjoni tal-progress ġenerali li l-Montenegro kiseb s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, din il-Komunikazzjoni tipprovdi l-elementi ewlenin ta' pakkett finanzjarju għall-Montenegro biex il-Kunsill ikun jista' jiddibatti dawn il-kwistjonijiet b'mod parallel mal-ħidma dwar il-kapitoli li fadal. Dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, adeżjoni eventwali tista' sseħħ f'xi mument wara l-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") 2028–2034. Għaldaqstant, dan il-pakkett finanzjarju huwa bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali² li jmiss, filwaqt li jqis id-disinn propost tal-politiki interni futuri tal-Unjoni kif ukoll il-pakkett il-ġdid tar-riżorsi proprji³. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni sussegwentement se tippreżenta lill-Kunsill abbozz ta' pożizzjoni komuni għan-negozjati dwar dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji (Kapitolu 33).

Din il-Komunikazzjoni tibni fuq il-prinċipji tal-pakketti finanzjarji għaċ-ċikli ta' tkabbir preċedenti, b'aġġustamenti mfassla biex jakkomodaw l-adeżjoni tal-Montenegro fi ħdan il-proposta għall-QFP 2028–2034, filwaqt li tippreżenta benefiċċji kemm għall-Istati Membri l-ġodda kif ukoll għal daww eżistenti. Għall-Montenegro, tiżgura l-kontinwità, tnaqqas il-piż amministrattiv u tipprevjeni lakuni fl-implimentazzjoni f'mument kruċjali immedjatament wara l-adeżjoni. Għall-Istati Membri eżistenti, il-Komunikazzjoni tipprovdi ċarezza dwar il-kost tal-adeżjoni tal-Montenegro.

2 DESKRIZZJONI TAL-PAKKETT FINANZJARJU

F'konformità mal-prattika segwita fiċ-ċikli ta' tkabbir preċedenti, il-pakkett finanzjarju jkopri, minn naħa, il-pakkett finanzjarju nazzjonali allokat minn qabel għall-Montenegro u, min-naħa l-oħra, iż-żieda fil-limiti massimi tal-Intestaturi tal-QFP li ma għandhomx pakketti finanzjarji allokat minn qabel. Bħal fit-tkabbir preċedenti, il-pakkett finanzjarju jiżgura d-drittijiet u l-obbligi kollha mill-jum tal-adeżjoni, jiġifieri li l-Istat Membru l-ġdid iħallas il-kontribuzzjonijiet sħaħ lill-baġit tal-UE u jkollu aċċess għall-programmi u l-fondi kollha tal-baġit tal-UE mid-data tal-adeżjoni.

Fir-rigward tal-pakketti allokat minn qabel fl-Intestatura 1 ("Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura u żvilupp rurali, affarijiet marittimi, prosperità u sigurtà tal-politiki interni"), l-implimentazzjoni se ssir abbażi ta' Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għal kull Stat Membru ("Pjan SNR"), li huwa bbażat fuq l-oġettivi, fis-sens li jorbot l-iżborżi mal-kisba ta' stadji importanti u miri definiti minn qabel. Sabiex il-pajjiżi kandidati jitħejjew b'mod adegwat għall-ġestjoni tal-fondi interni, dawn il-pajjiżi se jippreżentaw ukoll pjanijiet skont l-istrument Ewropa Globali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Pjan Ewropa Globali") skont l-intestatura esterna (Intestatura 3 – "Ewropa Globali"), li huma wkoll ibbażati fuq l-oġettivi fl-

¹ COM(2025) 690 final

² Il-Kummissjoni, "Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034" (COM/2025/572 final)

³ COM/2025/574 final

istess sens bħal taħt l-Intestatura 1⁴. Konsegwentement, dan il-pakkett finanzjarju huwa strutturat primarjament madwar dan il-pjan, filwaqt li jiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tal-appoġġ mill-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-fondi interni, abbażi tal-metodoloġija stabbilita hawn taħt.

Il-kalkolu tal-ammonti li jżidu l-kapaċità tal-intestaturi u tal-programmi mingħajr allokkazzjoni speċifika għall-pajjiż, għall-pajjiż aderenti (il-bqija tal-Intestatura 1 barra mill-Pjan SNR, l-Intestatura 2 u l-Intestatura 3) japplika formula ta' allokkazzjoni bbażata fuq kombinament ta' 50 % tal-popolazzjoni u 50 % tal-PDG relattivament għal UE mkabbra. Din hija l-istess metodoloġija bħal dik użata għall-ħames tkabbir fl-2004, u fiċ-ċikli suċċessivi kollha tat-tkabbir.

L-approċċ propost se jiżgura l-prevedibbiltà u jimminimizza kwalunkwe tfixkil fl-implimentazzjoni wara l-adeżjoni mingħajr ma jikkomprometti l-istatus uffiċjali tal-Montenegro bħala Stat Membru ġdid. Dan iqis l-inċertezza relatata mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni u jnaqqas l-ispejjeż għall-Istati Membri eżistenti billi juża mill-ġdid id-disponibbiltajiet għall-Pjan Ewropa Globali tal-Montenegro taħt l-Intestatura 3. Iċ-ċifri proposti huma bbażati fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li qed jiġi nnegożjat mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew⁵. Kwalunkwe bidla matul il-proposta tal-QFP tista' tħalli impatt fuq ir-riżultati tal-finanzjament u fuq l-approċċ deskritt hawnhekk.

Iċ-ċifri pprovduti f'din il-Komunikazzjoni huma espressi fi prezzijiet attwali.

2.1 INTESTATURA 1: KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI, AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI, AFFARIJET MARITTIMI, PROSPERITÀ U SIGURTÀ

Kull Stat Membru se jissottometti Pjan SNR wieħed, li jkopri oqsma ta' politika differenti bħall-politika agrikola komuni (PAK), il-politika ta' koeżjoni, l-affarijiet interni u l-politika komuni tas-sajd. Il-Pjan SNR tal-Montenegro se jinkludi komponent wieħed mhux allokati, li se jikkostitwixxi l-akbar pakkett, iddedikat għall-oġettivi ekonomiċi, soċjali u territorjali, inklużi s-sajd u l-komunitajiet rurali, li minnu ammont ta' EUR 17,8 miljun se jiġu riżervati għall-Politika Komuni tas-Sajd. Barra minn hekk, il-Pjan SNR se jinkludi żewġ komponenti riżervati – ir-riżorsi għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) u għall-Affarijiet Interni (il-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna).

Il-Pjan Ewropa Globali tal-Montenegro se jitħejja filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti skont ir-Regolament dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ("PSNR"). Dan se jikkonforma mal-miri ta' nfiq applikabbli taħt l-Ewropa Globali. Fil-mument tal-adeżjoni, il-pjan tal-Montenegro ppreżentat taħt l-Ewropa Globali se jsir parti mill-Pjan SNR taħt il-komponent mhux allokati biex tiġi evitata kwalunkwe lakuna fl-implimentazzjoni f'mument kruċjali tas-sħubija tiegħu, b'reviżjoni u b'adattament meħtieġa biex jiżdiedu l-komponenti tal-PAK u tal-Affarijiet Interni. Filwaqt li l-Montenegro se jkompli bl-implimentazzjoni tal-pjan eżistenti wara l-adeżjoni tiegħu, l-ammonti disponibbli taħt il-pjan se jiġu skalati skont il-formula ta' allokkazzjoni tal-Pjan SNR, inkluż il-limiti massimi rilevanti, u l-finanzjament kollu mħallas abbażi tal-istadji importanti u tal-miri miksuba se jiġi kkompensat parzjalment permezz tat-trasferiment tar-riżorsi previsti għall-Pjan Ewropa Globali tal-Montenegro taħt l-Intestatura 3

⁴ COM/2025/551 final

⁵ Il-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament li jistabbilixxi l-Ewropa Globali (COM/2025/551 final) tipprevedi EUR 200 309 000 000 fi prezzijiet attwali għall-Istrument, li minnhom EUR 43 174 000 000 għall-pilastru Ewropa.

tal-QFP għall-Intestatura 1. F'konformità mal-iskadenzi stabbiliti mir-Regolament dwar il-PSNR, il-Montenegro se jippreżenta pjan ġdid f'konformità sħiħa mar-regoli tal-PSNR, inklużi l-miri ta' nfiq applikabbli, li jkopri l-bqija tal-QFP, u li jippermettilu jwieġeb għal ħtiġijiet u opportunitajiet ġodda li jirriżultaw mis-snin bikrija tas-sħubija.

Wara li jkun issieħeb mal-Unjoni, il-Montenegro se jiġi integrat bis-sħiħ taħt Pjan SNR. L-allokazzjoni finanzjarja tiegħu għal wara l-2034 mhijiex kwantifikata f'dan il-pakkett finanzjarju. Il-pakkett finanzjarju ppreżentat hawnhekk huwa mingħajr preġudizzju għal pakketti finanzjarji potenzjali għal pajjiżi kandidati oħra fi stadju ulterjuri, li se jqisu l-livelli ta' appoġġ għall-pajjiżi kandidati taħt l-Ewropa Globali kif ukoll, skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, il-ħtieġa li jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp marbuta, fost l-oħrajn, mal-PDG per capita, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' assorbiment tagħhom, biex jiġu żgurati livelli ta' appoġġ konsistenti għall-Istati Membri ġodda potenzjali kollha.

Skont il-proposta għal Regolament dwar il-PSNR, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jitolbu self bħala parti mill-pjanijiet tagħhom. Il-Montenegro jista' jitlob ukoll self minbarra l-pakkett finanzjarju allokati minn qabel tiegħu, fil-limiti tad-disponibbiltajiet li jkun għad fadal f'dak il-mument.

Pjan SNR: Koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali

Il-komponent mhux allokati tal-pjan tal-Montenegro se jiġi kkalkulat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament dwar il-PSNR, filwaqt li jiġi applikat limitu massimu u xibka ta' sikurezza ta' +5 % u -20 %, rispettivament, meta mqabbel mal-pakkett tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiż għall-perjodu 2021–2027. Abbażi ta' dawn il-kalkoli, dan se jammonta għal EUR 155 miljun fis-sena, li porzjon minnhom se jiġi ffinanzjat mid-disponibbiltajiet baġitarji taħt l-Intestatura 3. L-ammont preċiż se jiddependi mill-ftehim finali dwar il-QFP li jmiss u l-pakketti relatati. Mhu se jkun hemm l-ebda impatt fuq il-pakketti allokati minn qabel għall-Istati Membri eżistenti.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 1								
Pjan SNR								
<i>li minnu fondi mhux allokati</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>155,0</i>	<i>1 085</i>

Pjan SNR: Politika Agrikola Komuni

Il-PAK futura se tinkludi interventi ta' appoġġ għall-introjtu (pagamenti diretti u tipi oħra ta' interventi ta' appoġġ għall-introjtu) kif ukoll interventi oħra.

B'mod simili għall-approċċ tal-Unjoni għaċ-ċikli ta' tkabbir preċedenti, il-livell minimu annwali għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK għandu jiġi introdott gradwalment fuq perjodu ta' għaxar snin skont l-iskeda ta' inkrementi li ġejja:

L-ewwel sena wara l-adeżjoni: 40%⁶

It-tieni sena wara l-adeżjoni: 44 %

It-tielet sena wara l-adeżjoni: 48 %

Ir-raba' sena wara l-adeżjoni: 52 %

Minn hemm 'il quddiem, b'żidiet ta' 8 % sakemm jintlaħaq il-livell ta' appoġġ applikabbli fl-UE-27.

Filwaqt li titqies ukoll il-kapaċità ta' assorbiment antiċipata tal-Montenegro, dan il-pakkett annwali jikkorrispondi għall-ammont minimu li jrid jiġi ppjanat fuq l-interventi tal-PAK, inkluż l-appoġġ għall-introjt, bil-possibbiltà li l-Montenegro jiffinanzja interventi addizzjonali tal-PAK mir-riżorsi mhux allokat i stabbiliti hawn fuq.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 1								
Pjan SNR li minnu l-PAK	28,6	31,4	34,3	37,1	42,9	48,6	54,3	277

Din il-metodoloġija preżenti hija mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-rigward tal-PAK għal pakketti finanzjarji futuri potenzjali għal pajjiżi kandidati oħra, b'mod partikolari għall-Ukrajna.

PSNR: Affarijiet Interni

L-adeżjoni tal-Montenegro se toħloq fruntiera esterna ġdida tal-UE, li tirriżulta fi ħtiġijiet finanzjarji sinifikanti fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tas-sigurtà interna.

L-ammonti ta' referenza għall-fondi tal-Affarijiet Interni se jiġu kkalkulati abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness tar-Regolament dwar il-PSNR. Peress li l-ħtiġijiet urġenti ta' investiment — b'mod partikolari fl-infrastruttura tal-fruntieri u fis-sigurtà interna — se jkunu fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni u fil-perjodu immedjat ta' wara l-adeżjoni, il-proposta ma tinkludix introduzzjoni gradwali tal-fondi tal-Affarijiet Interni. Madankollu, peress li l-kapaċità tal-Montenegro li jimplimenta u jassorbi l-fondi f'dan il-qasam għadha ristretta, il-fondi se jkunu disponibbli fuq il-bażi ta' profil fiss ta' 70 % tal-allokazzjoni sħiħa matul il-QFP 2028–2034. Dan l-approċċ jilħaq il-bilanċ xieraq bejn il-limitazzjonijiet prattiċi tal-implimentazzjoni, minn naħa, u l-ħtieġa li tiġi protetta l-fruntiera esterna tal-UE u tissaħħaħ is-sigurtà interna mill-ewwel jum tal-adeżjoni min-naħa l-oħra. Abbażi ta' dan, se jkun meħtieġ finanzjament annwali addizzjonali ta' EUR 84,5 miljun.

⁶ Għall-pjan SNR, l-ammont minimu riżervat għall-politika agrikola komuni (PAK) se jiffinanzja interventi li jikkorrispondu kemm għall-pagamenti diretti attwali lill-bdiewa kif ukoll għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali. Taħt il-PAK attwali, 80 % tal-ammonti totali ppjanati għall-PAK jikkonċernaw il-pagamenti diretti, u 20 % jikkonċernaw interventi għall-iżvilupp rurali. L-introduzzjoni gradwali tat-80 % se ssegwi l-istess skeda ta' żidiet kif applikati għaċ-ċikli ta' tkabbir mill-2004 (25 %, 30 %, 35 %, 40 % u sussegwentement b'żidiet ta' 10 %). Iċ-ċifri ppreżentati hawnhekk jikkorrispondu għall-eżitu ta' dan l-approċċ, eż. 40 % għall-ewwel sena, ekwivalenti għal 20 % + 25 % ta' 80 %.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 1								
Pjan SNR								
<i>li minnu l-Intern</i>	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	592

Punti oħra taħt l-Intestatura 1

L-intestatura 1 tinkludi entrati oħra li ma għandhomx pakketti allokatati minn qabel għal kull Stat Membru. Dan jinkludi l-Faċilità tal-UE, l-Interreg, l-aġenziji deċentralizzati, u oħrajn.

Se jiġi stabbilit Pjan Interreg matul il-perjodu 2028–2034, li jkopri l-kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali, interreġjonali u mar-reġjuni ultraperiferiċi. Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali se jibbenefikaw minn fondi ta' kooperazzjoni transfruntiera (CBC) taħt l-Ewropa Globali, ekwivalenti għall-appoġġ mill-fondi Interreg li qed jiġu pprovduti lill-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera rilevanti. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera (CBC) u biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda effett negattiv fuq il-finanzjament previst għall-UE-27, se tkun meħtieġa żieda ġenerali fl-appropriazzjonijiet għall-Interreg.

Il-proposta għall-QFP 2028–2034 li jmiss tistabbilixxi Faċilità tal-UE, magħmula minn komponenti differenti, inklużi l-Azzjonijiet ta' Solidarjetà, ix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda u l-azzjonijiet tal-Affarijiet Interni, kif ukoll riżerva. Il-Montenegro se jkollu aċċess għall-Faċilità tal-UE. Filwaqt li ma hemm l-ebda pakkett finanzjarju speċifiku għall-pajjiż taħt il-Faċilità tal-UE, se tkun meħtieġa żieda ġenerali fl-appropriazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda effett negattiv fuq il-finanzjament previst għall-UE-27.

Se jkun meħtieġ finanzjament annwali addizzjonali sabiex jiżdiedu l-komponenti rilevanti taħt l-Intestatura 1, minbarra l-Pjan SNR, f'konformità mal-valuri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 1								
Pjan SNR								
<i>li minnu Interreg</i>	0,0	6,3	6,4	6,5	6,6	5,5	5,6	37
Oħrajn	13,0	11,8	11,7	12,1	11,8	12,5	12,8	86

2.2 INTESTATURA 2: KOMPETITTIVITÀ, PROSPERITÀ U SIGURTÀ

Huwa previst li l-Montenegro se jipparteċipa bis-sħiħ fl-azzjonijiet u l-programmi tal-Unjoni sa mill-adeżjoni tiegħu. Filwaqt li ma hemm l-ebda pakkett finanzjarju nazzjonali speċifiku taħt l-azzjonijiet u l-programmi eżistenti koperti mill-Intestatura 2, se tkun meħtieġa żieda ġenerali fl-appropriazzjonijiet għall-programmi tal-UE sabiex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda effett negattiv fuq il-finanzjament previst għall-UE-27. Abbażi tal-istess metodoloġija użata biex jiġi

ddeterminat il-livell ta' żieda fil-fondi disponibbli għall-politiki interni fit-tkabbir preċedenti, se jkun meħtieġ finanzjament annwali addizzjonali għall-adeżjoni tal-Montenegro, f'konformità mal-valuri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 2	59,3	72,1	73,8	77,5	78,6	80,5	81,3	523

2.3 INTESTATURA 3: EWROPA GLOBALI

Wara r-reviżjoni tal-QFP u t-trasferiment tar-riżorsi disponibbli għall-Montenegro lejn l-Intestatura 1, il-Montenegro mhux se jibqa' eliġibbli għall-finanzjament taħt l-Ewropa Globali skont l-Intestatura 3. Fl-istess ħin, pilastru oħra taħt l-istrument Ewropa Globali, minbarra l-pilastru Ewropa għandhom jissaħħu b'mod proporzjonat. Abbażi tal-istess metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat il-livell ta' żieda fil-fondi disponibbli għall-politiki interni, se jkun meħtieġ finanzjament annwali addizzjonali f'konformità mal-valuri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 3	16,8	17,2	17,5	21	24,5	24,9	25,4	147

2.4 INTESTATURA 4: AMMINISTRAZZJONI

Kif kien il-każ fit-tkabbir preċedenti, mhu se jkun hemm l-ebda nefqa amministrattiva speċifikament allokata għall-Montenegro. Madankollu se tkun meħtieġa nefqa amministrattiva addizzjonali minħabba l-adeżjoni tal-Montenegro, pereżempju sew għall-implimentazzjoni tal-politiki u sew għall-ħtiġijiet lingwistiċi. Abbażi tal-esperjenza tal-aktar tkabbir reċenti, jiġifieri l-adeżjoni tal-Kroazja fl-2013, huwa stmat li l-adeżjoni tal-Montenegro se tirrikjedi finanzjament annwali addizzjonali sabiex ikopri ż-żieda korrispondenti fil-ħtiġijiet tal-persunal tal-Kummissjoni, f'konformità mal-valuri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 4	27,1	48,4	70,5	71,9	73,3	74,8	76,3	442

3 KUMPENS

Il-prinċipju miftiehem fit-tkabbir preċedenti, li l-ebda Stat Membru ġdid ma għandu jsib ruħu f'pożizzjoni baġitarja netta agħar matul l-ewwel snin wara l-adeżjoni meta mqabbel mas-sitwazzjoni tiegħu fis-sena ta' qabel l-adeżjoni bħala beneficijarju ta' fondi ta' qabel l-adeżjoni, se jinżamm.

Il-ħtieġa għal kumpens baġitarju temporanju jew għal faċilità tal-flussi tal-flus se tiġi vvalutata fid-dawl tal-eżitu finali tan-negozjati tal-adeżjoni fl-istadju finali tagħhom.

F'konformità ma' dak li ġie miftiehem għall-pajjiżi tat-tkabbir preċedenti, huwa previst li d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji għandha tapplika bis-sħiħ għall-Montenegro mill-ewwel sena tal-adeżjoni.

4 AĠĠUSTAMENT TAL-QAFAS FINANZJARJU 2028–2034 BIEX JAKKOMODA L-ADEŻJONI TAL-MONTENEGRO

Se jkun meħtieġ aġġustament tal-QFP 2028–2034 biex jakkomoda r-riżultati tan-negozjati tal-adeżjoni. L-Artikolu 11 tal-proposta għal Regolament dwar il-QFP jipprevedi li, fil-każ tal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni, il-QFP għandu jiġi rivedut kif xieraq skont it-Trattati tal-Adeżjoni, biex jitqiesu r-rekwiżiti tan-nefqa li jirriżultaw minn tali adeżjoni mal-Unjoni.

Il-bidliet kollha fil-limiti massimi tal-Intestaturi kif ukoll it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi fost l-intestaturi se jirrikjedu r-reviżjoni tal-QFP.

L-Anness ta' din il-Komunikazzjoni jippreżenta t-tabella li tistabbilixxi ż-żieda stmata fin-nefqa tal-QFP meħtieġa biex titqies l-adeżjoni tal-Montenegro. L-ammonti kkalkulati huma bbażati fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2028–2034. Fejn meħtieġ, dawn ikollhom jiġu emendati sabiex jirriflettu l-bidliet rilevanti li jirriżultaw mill-eżitu tan-negozjati dwar il-QFP.

ANNESS

Pakkett finanzjarju għall-Montenegro⁷ (Miljuni ta' EUR, prezzijiet attwali)	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
INTESTATURA 1: Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali, Agrikoltura u Żvilupp Rurali, Affarijiet Marittimi, Prosperità u Sigurtà	281,1	289,0	291,9	295,3	300,8	306,1	312,2	2 076
Pjan SNR	268,1	277,2	280,2	283,2	289,0	293,6	299,4	1 991
<i>li minnu l-PAK</i>	28,6	31,4	34,3	37,1	42,9	48,6	54,3	277
<i>li minnu fondi mhux allokat</i>	155,0	155,0	155,0	155,0	155,0	155,0	155,0	1 085
<i>li minnu l-Intern</i>	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	84,5	592
<i>li minnu Interreg</i>	0,0	6,3	6,4	6,5	6,6	5,5	5,6	37
Oħrajn	13,0	11,8	11,7	12,1	11,8	12,5	12,8	86
INTESTATURA 2: Kompetittività, Prosperità u Sigurtà	59,3	72,1	73,8	77,5	78,6	80,5	81,3	523
INTESTATURA 3: Ewropa Globali⁸	16,8	17,2	17,5	21,0	24,5	24,9	25,4	147
INTESTATURA 4: Amministrazzjoni	27,1	48,4	70,5	71,9	73,3	74,8	76,3	442
TOTAL INTESTATURI 1 – 4	384,3	426,8	453,7	465,6	477,2	486,2	495,2	3 189
<i>li minnhom ittrasferiti mill-Intestatura 3⁹</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>

⁷ It-tabella tirrappreżenta eżempju illustrattiv abbażi tal-adeżjoni tal-Montenegro fl-2028. F'każ li l-adeżjoni sseħħ f'data aktar tard matul il-perjodu tal-QFP, iċ-ċifri għall-intestaturi jiġu aġġustati. Għall-pakketti allokat minn qabel taħt l-Intestatura 1, il-bidu tal-implimentazzjoni jiddewwem, filwaqt li l-ewwel sena wara l-adeżjoni tikkorrispondi għall-allokazzjoni prevista għall-2028. Dan effettivament ineħħi l-aħħar sena mit-tabella. Għall-punti l-oħra mingħajr pakketti allokat minn qabel, is-snin indikati jikkorrispondu għall-ħtiġijiet attwali ta' aġġustament. Jekk l-adeżjoni sseħħ fl-2029, ma jsir l-ebda aġġustament għall-2028, u b'hekk is-snin ta' qabel l-adeżjoni jitnehew effettivament mit-tabella.

⁸ Dan jirrifletti biss il-pilastri għajr il-pilastri tal-Ewropa tal-istrument Ewropa Globali li huma msaħħa.

⁹ Bħala referenza, l-appoġġ attwali pprovdut lill-Montenegro taħt dan il-QFP huwa ogħla minn EUR 1 biljun, inkluż l-appoġġ ipprovdut fil-forma ta' self. L-ammont attwali ttrasferit se jiddependi mill-ftehim finali dwar l-Ewropa Globali, inkluż il-pakkett finanzjarju u l-mod kif se jingħata l-appoġġ fil-futur, mill-baġit u mill-ipprogrammar finanzjarju miftiehma mill-awtoritajiet baġitarji fl-ewwel proċedura baġitarja annwali, u mid-data effettiva tal-adeżjoni.